A.L. 40 ta' l-1991

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA (KAP. 188)

Regoli ta' l-1991 dwar Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Privazzjoni ta' Ċittadinanza Maltija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, il-Prim Ministru għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1991 dwar Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Privazzjoni ta' Ċittadinanza Maltija.

Għamla tal-Kumitat.

2. (1) Il-Kumitat ta' Inkjesta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-Regoli msejjaħ "il-Kumitat", għandu jkun magħmul minn —

(a) *chairman* maħtur mill-Ministru responsabbli għal affarijiet relattivi għal ċittadinanza Maltija minn fost imħallfin tal-Qrati Superjuri jew persuni li kellhom il-kariga ta' imħallef tal-Qrati Superjuri;

(b) żewġ membri maħtura mill-imsemmi Ministru, li wieħed minnhom ikun uffiċjal pubbliku, u l-membru l-ieħor persuna li hi jew kienet kwalifikata li tinħatar maġistrat f'Malta.

(2) Iċ-*Chairman* u l-membri maħtura tal-Kumitat għandhom iżommu l-kariga għal żmien ta' tliet snin u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(3) Iċ-*Chairman* u l-membri l-oħra tal-Kumitat għandhom, f'għeluq iż-żmien tal-kariga tagħhom, ikunu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid.

(4) Meta jkun hemm xi vakanza fil-Kumitat il-Ministru responsabbli għal affarijiet relattivi għal ċittadinanza Maltija għandu, hekk kif ikun prattikabbli, jaħtar persuna oħra biex timla l-vakanza.

(5) Membru tal-Kumitat jista' jitneħħa mill-kariga mill-Prim Ministru, iżda dak il-membru jista' jitneħħa biss minħabba inkapaċità pruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk minħabba mard mentali jew korporali jew għal xi raġuni oħra) jew għal imġieba ħażina.

(6) Barra minn dak li hu mod ieħor espressament provdut b'dawn ir-Regoli, il-Kumitat jista' jagħmel ir-regoli tiegħu stess u xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Tlaqqigħ tal-Kumitat.

3. (1) Il-Kumitat għandu jitlaqqa' miċ-*Chairman* hekk kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

(2) Il-Kumitat għandu jmexxi inkjesta dwar kull każ riferit lilu mill-Ministru responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija wara li ssir applikazzjoni għal inkjesta minn persuna aggravata skond il-Formula A murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regoli.

Ġurament tal-kariga.

4. (1) Iċ-*Chairman* u l-membri tal-Kumitat għandhom, qabel ma jieħdu dawk id-dmirijiet, jieħdu u jiffirmaw ġurament skond il-Formula B murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regoli.

(2) Il-ġurament għandu jittieħed quddiem l-Avukat Ġenerali, u għandu jiġi depożitat għandu.

Astensjoni minn u rikuża ta' membri.
Kap. 12

5. (1) Iċ-*Chairman* u kull membru tal-Kumitat jista' jastjeni milli joqgħod fuq il-Bord jew jista' jiġi rikużat għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Kull kwistjoni dwar każ ta' astensjoni jew rikuża, u kull kwistjoni dwar proċedura, għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman* tal-Kumitat.

Segretarju tal-Kumitat.

6. (1) Il-Ministru responsabbli għal affarijiet relattivi għal ċittadinanza Maltija għandu jinnomina Segretarju tal-Kumitat u dawk l-uffiċjali l-oħra li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa u għandu jistabilixxi d-dmirijiet tagħhom.

(2) Is-Segretarju tal-Kumitat ikollu, *mutatis mutandis*, dawk is-setgħat u dmirijiet kollha li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija jew imposti fuq ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri.

Sejħa tax-xhieda u għoti ta' ġuramenti.
Kap. 273

7. (1) Il-Kumitat għandu, sakemm ma jkunx provdut xort'oħra taħt dawn ir-Regoli, ikollu s-setgħa kollha li bis-saħħa ta' l-Att dwar l-Inkjesti għandu bord maħtur taħt dak l-Att.

(2) Taħrika għall-attendenza tax-xhieda għandha tkun skond il-Formula Ċ murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regoli, u għandha tkun iffirmata miċ-*Chairman* jew Segretarju tal-Kumitat.

Post tal-laqgħat u Reġistru tal-Kumitat.

8. (1) Il-Kumitat għandu jiltaqa' f'waħda mill-Awli fil-Qrati tal-Ġustizzja fil-Belt, Valletta.

(2) It-Taqsima tal-*Expatriates* u n-Nazzjonalità ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jkun ir-Reġistru tal-Kumitat, u hemmhekk għandhom jiġu depożitati u miżmuma d-dokumenti tal-Kumitat, kif ukoll kull komunikazzjoni bil-miktub jew sottomissjoni li għandhom jiġu preżentati lis-Segretarju tal-Kumitat.

Proċedimenti tal-Kumitat.

9. (1) Kull avviż, mandat jew ordni maħruġ mill-Kumitat għandu jkun iffirmat miċ-*Chairman* u kontrosenjat mis-Segretarju tal-Bord.

(2) Il-Kumitat jista', f'kull żmien, iħalli li ssir xi emenda fir-rikors sabiex dan ikun aktar ċar.

(3) Għandu jingħata avviż tal-ġurnata u tal-ħin stabbilit għas-smiegħ ta' l-inkjesta lill-persuna aggravata skond il-Formula D murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regoli.

(4) Il-persuna aggravata tista' tkun assistita matul is-smiegħ ta' l-inkjesta minn avukat jew prokuratur legali.

Deċiżjonijiet mill-Kumitat.

10. (1) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dawn ir-Regoli, id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom ikunu bil-miktub u għandhom ikunu iffirmati miċ-*Chairman* u mis-segretarju, u l-oriġinal għandu jinżamm mis-Segretarju tal-Kumitat flimkien mad-dokumenti kollha tal-proċedimenti ta' kull inkjesta.

Dispożizzjoni transitorja.

11. Kull applikazzjoni li ssir f'liema għamla ssir skond is-sub-artikolu (4) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli, għandha titqies li tkun saret, u li tkun, skond il-paragrafu (2) tar-regola 3 ta' dawn ir-Regoli.

SKEDA

Formula A

(Regola 3)

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA, KAP. 188

INKJESTA DWAR ORDNI TA' PRIVAZZJONI TA' ĊITTADINANZA MALTIJA

Isem u indirizz tal-persuna aggravata: .....

Lis-Segretarju,
Kumitat ta' Inkjesta.

Il-persuna aggravata tissottometti bir-rispett:

Illi b'Avviż datat il- ..... maħruġ mill-Ministru responsabbli għal affarijiet relattivi għal ċittadinanza Maltija,

.....

il-persuna aggravata ġiet mgħarrfa illi .....

.....

Illi, fis-sottomissjoni tal-persuna aggravata, l-imsemmija raġunijiet ma humiex validi għar-raġunijiet li ġejjin:

.....

.....

.....

Għaldaqstant il-persuna aggravata titlob illi l-imsemmi Avviż jiġi revokat.

.....
Firma tal-persuna aggravata.

Ippreżentata minn ..... fil- .....

.....
Firma tas-Segretarju
tal-Kumitat ta' Inkjesta.

Formula B

(Regola 4)

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA, KAP. 188

FORMA TA' ĠURAMENT LI JITTIEHED MIĊ-CHAIRMAN JEW MEMBRU TA' KUMITAT TA' INKJESTA

Jiena ..... li nħtart *Chairman*/Membru tal-Kumitat ta' Inkjesta biex ninvestiga Avviżi ta' Ordnijiet ta' Privazzjoni ta' Ċittadinanza Maltija, għall-perijodu minn .....

sa ....., naħlef/niddikjara solennement li jiena bil-fedeltà kollna u imparzjalment, u mill-aħjar li nista' naqdi d-dmir u x-xogħol li jmissni bis-saħħa ta' l-imsemmija ħatra.

Hekk Alla jgħini.

.....
Chairman/Membru

Formula Ċ

(Regola 7)

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA, KAP. 188

TAHRIK TA' XHIEDA

Lil ..... (isem il-persuna mħarrka u fejn toqgħod)

Inti hawnhekk tinsab imħarrek biex tidher quddiem .....

fil-Qrati tal-Ġustizzja fil-Belt Valletta, fi .....

(data u ħin) u li tixhed dwar ..... (il-kwistjoni ta' l-inkjesta).

Iffirmat minni llum ..... ta' .....

.....
(Firma taċ-*Chairman*)

Formula D

(Regola 9)

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA, KAP. 188

AVVIŻ TAL-ĠURNATA U L-ĦIN GĦAS-SMIEGĦ MILL-KUMITAT TA' INKJESTA

Lil: .....
.....

Il-Kumitat ta' Inkjesta se jisma' nhar il- .....

il-..... fi ..... il-każ li sar

minn ..... dwar .....
(il-kwistjoni ta' l-inkjesta).

Data .....

.....
Chairman
tal-Kumitat ta' Inkjesta

.....
Segretarju
tal-Kumitat ta' Inkjesta